MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Avviz Numru. 578/2003

Avviz Nru 578/03DM

Pater  Finance Co. Ltd. (C 22643)

Vs

Luciana Aquilina u zewgha Louis Aquilina

Il-Qorti ;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elf disgha mija u tnejn u hamsin lira Maltin  (Lm1,952) rapprezentanti import ta’  (17) il-kambjala, wahda ta’ (Lm32) bilanc u sittax ta’ (Lm120) il-wahda debitament accettati u skaduti minn Lulju 2002 sa Novembru 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz  bhala

dokumenti numri minn wiehed (1) sas-sbatax (17) konsekuttivament u inklusivament.
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala tas-16 ta' Novembru, 2003 li kienu jammontaw ghal mija u ghoxrin lira (Lm120) oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.
Rat id-dokumenti esebiti ;
Rat in-nota tal-atturi pprezentata llum permezz ta' liema huma rriducew l-ammont minnhom mitlub ghas-somma ta' elf tmien mija u tmenin lira (Lm1,880) bhala sorte bl-imghaxijiet imhallsa sal-15 ta' Frar, 2004.

Rat in-nota t'ammissjoni pprezentata llum stess mill-konvenuti.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ghar-ragunijiet indikati fl-avviz sabiex ihallsu lill-istess atturi s-somma kif ridotta ta' elf tmien mija u tmenin lira Maltin (Lm1,880) bl-imghaxijiet legali u b'effett mis-16 ta' Frar, 2004 ; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------